GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
DIRETTORAT TAR-RIŻORSI UMANI

# ĊIRKOLARI

**Informazzjoni:** ✓ **Azzjoni Meħtieġa:**✓

**Ref: DHR/49/2023**

**Mingħand: Direttur Riżorsi Umani**

**Lis-Segretarju Permanenti, Diretturi Ġenerali, Diretturi, Kapijiet ta' Network ta' Kulleġġ, Assistenti Diretturi, *Service Managers,* Kapijiet tal-Iskejjel Statali, Kapijiet Ċentri dwar Riżorsi, Learning Support Centre Managers, Kapijiet ta' Sezzjoni, Kapijiet tal-Iskejjel mhux tal-Istat.**

**Suġġett:** Leave bi Ħlas dwar Studju - *(Kategorija A)* Sena Skolastika 2023-2024

**Data: 13 ta' Marzu 2023**

---

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jgħarraf illi l-applikazzjonijiet għall-Leave bi Ħlas dwar Studju - (Kategorija A) Sena Skolastika 2023-2024 ser jibdew jintlaqgħu **minn nhar l-Erbgħa, 15 ta' Marzu 2023, u jagħlqu nhar il-Ħamis, 6 t'April 2023**.

L-iskema ssaħħaħ l-impenn tal-Ministeru għall-iżvillupp professjonali kontinwu tal-Edukaturi li jaħdmu kemm fl-iskejjel tal-Istat kemm dawk mhux tal-Istat.

Id-dettalji dwar l-iskema Leave bi Ħlas dwar Studju - (Kategorija A) jinstabu fid-dokument ***Procedures and Guidelines for Paid Study Leave*** li jista jitniżżel mis-sit elettroniku ta' dan il-Ministeru: http://education.gov.mt. Aktar tagħrif dwar is-sejħa għall-applikazzjonijiet jista' jinkiseb billi tintbgħat imejl fuq *pdstudyleave.meyr@gov.mt*

L-applikazzjonijiet ser jintlaqgħu biss, bl-użu tal-eID, permezz tal-formola tal-applikazzjoni elettronika onlajn, aċċessibbli minn fuq is-sit: https://education.gov.mt/paidstudyleave/Pages/Main.aspx

Id-data u l-ħin tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija **s-siegħa ta' wara nofsinhar (13:00) (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ħamis, 6 t'April 2023.**

Ittra ġġenerata mill-kompjuter tintbgħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni.

**Jintlaqgħu biss l-applikazzjonijiet li jidħlu bl-eForm sad-data u l-ħin tal-għeluq tas-sejħa.**

Applikanti li m'għandhomx e-ID *(l-identita' elettronika)* attivata, huma mitluba li jikkuntatjaw l-Identity Malta.

L-applikanti għandhom jiżguraw li l-applikazzjoni flimkien mad-dokumenti mitluba jkunu ġew mibgħuta b'suċċess, u li jżommu kopja pprintjata tal-Formola tal-applikazzjoni li jkunu bgħatu u li jipprintjaw kopja tal-*acknowledgement* li jkunu rċevew bl-imejl. Din għandha tinżamm bħala prova li l-applikazzjoni onlajn tkun intbgħatet b'suċċess sad-data u l-ħin tal-għeluq tas-sejħa.

Mary Scicluna
Direttur Riżorsi Umani